14 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Dr. Riccardo Farrugia, B.A., LL.D.

**Bini Perikoluż — Avviż tal-Pulizija — Terminu — Proċediment "in absentia" — Sentenza — Nullità — Art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija**

*Fis-sistema matti, il-proċedimenti "in absentia", barra min ċerti każi kontempiati mill-liġi, ma humiex permessi; u s-sentenza mogħtija "in absentia", jew kontra persuna li ma kienetx preżenti, jew kontra persuna li dehret għall-imputat mingħajr ma kienet minnu debitament awtorizzata biex tidher għalieħ, hija nulla, għax tkun infiċjata bi vjolazzjoni ta' forma sostanzjali.*

*L-intima tal-Pulizija biex wieħed ineħħi l-perikolu minn bini tiegħu fi żmien stabbilit fl-istess intima hija element meħtieġ għall-integrazzjoni tar-reat ta' min, wara li jkun ġie mwissi mill-Pulizija biex ineħħi dak il-perikolu, jonqos milli jirrimedja fiż-żmien lilu mogħti f'dik it-twissija. U sakemm ikun għadu jiddekorri dak it-terminu, ma tintegrax ruħha l-kontravvenzjoni taħt l-art. 18 tal-Liġijiet tal-Pulizija; għaliex dan ir-reat jippostula bħala rekwiżit tiegħu in-non-kuranza tal- intimat.*

*Għaldaqstant, jekk il-Pulizija tkun ipproċediet meta t-terminu mogħti fl-intima jkun għadu miexi, l-addebitu ta' dan ir-reat huwa infondat.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fil-Belt Valletta, bħala sid, flimkien ma' Agnes Vella, tal-fond numru 91/13 Merchants Street, f'dawn l-aħħar tliet xhur, naqas li jsewwi l-imsemmi fond, li huwa fi stat ta' tiġrif u perikolu għan-nies u għall-proprjetà ta' ħadd ieħor; u dan għalkemm kellu twissija bil-miktub mill-Pulizija biex ineħħi dan it-tiġrif u perikolu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Novembru 1957, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tagħtu xahar żmien biex ineħħi l-perikolu taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull ġurnata ta' ritard;

Rat ir-rikors tal-imputat Avukat Dottor Riccardo Farrugia, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsdrat;

Jidher mill-verbal fol. 16 li, fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 1957, fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ġie reġistrat li l-ko-imputata Agnes Vella kienet qegħedha tidher ukoll għall-appellant odjern, u li ammettiet għat-tnejn. Is-sentenza ġiet mogħtija in bażi għal dik l-ammissjoni;

Irriżulta li Agnes Vella ma kienetx awtorizzata tidher għall-appellant. Ma kienetx tirrikorri ebda waħda mill-kontinġenzi kontemplati fl-art. 386(b) tal-Kap. 12;

Issa, fis-sistema malti, il-proceduri "in absentia" (meno f'ċerti każijiet li hawn ma jirrikorrux, bħal, per eżempju, dak tal-art. 414(7), dak tal-art. 417(4), dak tal-art. 449(2), u xi ftit oħrajn) ma humiex permessi. U ġaladarba Agnes Vella ma setgħetx tidher għall-appellant fit-termini tal-art.

386(b) fuq imsemmi, jiġi li, għal dak li jirrigwarda l-appellant, il-kawża saret "in absentia". Għalhekk is-sentenza, billi hija nfiċjata bi vjolazzjoni ta' forma sostanzjali, hi nulla; u din il-Qorti qegħedha tannullaha, u tipproċedi hija stess għat-trattazzjoni tal-meritu skond il-liġi (art. 440(3) ibidem);

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Ir-reat addebitat lill-appellant hu li ħalla l-fond "de quo" fi stat perikoluż (kif allegat) non ostanti l-intima tal-Pulizija biex jitneħħa l-perikolu;

L-intima tal-Pulizija, kif jidher mill-kopja fol. 5, saret fil-5 ta' Novembru 1957, bi żmien sebgħa tijiem mid-data tal-intima. Għalhekk, it-terminu mpost bl-intima kien jiskadi (peress li "dies a quo non computatur in termine") fit-12 ta' Novembru. Intant, il-Pulizija pproċediet fil-11 ta' Novembru 1957;

Issa, f'dik id-data ma kienx hemm żgur il-kontravvenzjoni viżwalizzata fl-art. 18 Kap. 13, li hi miġjuba fiċ-ċitazzjoni; għaliex ir-reat in parola jippostula, bħala rekwiżit tiegħu, in-non-kuranza tal-intimat. Sakemm għadu għaddej it-terminu, ma hemmx lok għall-addebitu ta' dak ir-reat;

Għalhekk, ma hemmx bżonn li din il-Qorti tattarda ruħha fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-imputat, peress li dak rilevat hu assorbenti;

U għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat;

Salva kull proċedura oħra fuq intima ġdida, jekk ikun il-każ, u salva kull eċċezzjoni tal-imputat.